Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,197, 23 ta' Frar, 2024
Taqsima A

MALTA

ATT Nru IX tal-2024

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap. 626.

ACT No. IX of 2024

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to further amend the Sports Governance and Integrity Act, Cap. 626.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

23 ta' Frar, 2024

ATT Nru IX tal-2024

ATT sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap.626.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 626.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-isport jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 38 tal-Att prinċipali.

2. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 38 tal-Att prinċipali l-kliem "Kull atleta li jinstab li jkun xjentement għamel użu minn sustanzi projbiti u mingħajr eżenzjoni valida għal użu terapewtiku, jew kull persuna li tinstab li xjentement amministrat sustanzi projbiti lil atleta

waqt li kienet qiegħda taġixxi bħala l-persuna li tappoġġja dak l-atleta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Kwalunkwe persuna li tinstab li xjentement amministrat jew ħalliet li jiġu amministrati sustanzi projbiti lil atleta waqt li kienet qiegħda taġixxi bħala l-persuna li tappoġġja dak l-atleta".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 207 tad-19 ta' Frar, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati